MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 2400/1997/1

**Angelo Mallia et**

**vs**

**David Mallia et**

**Il-Qorti.**

Rat il-verbal a fol. 130;

Rat ir-risposta ta' l-atturi;

Semghet lill-Avukati difensuri;

**KONTESTAZZJONI**

L-intervenuti fil-kawza talbu li dina l-kawza tistenna l-ezitu ta’ kawza ohra ta’ divizjoni bejn il-partijiet li tista’ teffettwa l-mertu ta’ dina l-kawza.

L-atturi opponew dina t-talba billi hija ntiza biss biex tfixkel l-ezitu ta’ dina l-kawza li waslet fl-ahhar stadju taghha qabel tinghata s-sentenza.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Jigi rilevat li ghalkemm l-intervenuti ghamlu riferenza ghall-kawza ohra ta’ divizjoni li tista’ teffettwa l-ezitu ta’ dina l-kawza, ma nghatat ebda ndikazzjoni ta’ liema hija dina l-kawza, f’liema stadju waslet, u kif fil-fatt ser taffettwa l-ezitu ta’ dina l-kawza jew kif il-kawza prezenti ma tistax tissokkta minhabba l-kawza ohra.

Gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna li l-Qorti ghandha tilqa’ talba ghas-soprasessjoni:

- meta hu spedjenti li taghmel hekk; (Vol 39 p 1 p467 Galea vs Galea u App.Civ. Cassar vs Xuereb 12.3.73;)

- meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li tiddependi minn kawza tkun Vol XLVI p2 p 591;

- Il-Qorti m'ghandhiex tordna s-soprasessjoni jekk il-parti l-ohra tkun ser tbati pregudizzju.;

- Is-soprasessjoni hu rimedju straordinarju u ghandu jigi applikat biss jekk hu necessarju fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. (Vol XL1 p1 p 507).

Ara wkoll Cuschieri vs On.P.M. (Kostituzjonali 12/8/94)

Principju kardinali fil-procedura civili hu li kawza ghandha tinbeda u ghandha tinstemgha sa ma tinqata’. Il-provvediment ta’ soprasessjoni hu mizura eccezzjonalissima billi tiffrena l-andament normali ta’ kif kawzi ghandhom jimxu.

Fil-kaz in ezami, dina l-kawza, wara seba’ (7)0 snin, waslet fil-fazi konkluziva taghha, u kien proprju issa fl-ahhar stadju li l-intervenuti ghogobhom jintervjenu fil-kawza b’talba specifika biex iwaqqfu dina l-kawza bit-talba taghhom ghal sosprasessjoni, u dana meta huma kienu ilhom jafu b’din l-kawza.

Illi jekk tintlaqa’ t-talba tal-intervenuti l-atturi ser jigu pregudikati bil-kbir.

Inoltre ma giex pruvat u ma jirrizultax li ghas-soluzzjoni ta' dina l-kawza hemm xi punt li jrid jigi deciz fil-kawza l-ohra. L-atturi ghamlu dina l-kawza proprjament biex jipprotegi l-massa ereditarja u specifikatament ir-razzett li tieghu huma ko-propretarji. Jista’ jigri wkoll li jekk tinghata s-soprasessjoni l-pozizzjoni ta’ l-atturi fid-divizjoni tista’ tigi effettwata negattivament.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talba tal-intervenuti ghas-soprasessjoni
u thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni.ghas-6 ta’ Ottubru, 2004.
Spejjez ghall-intervenuti fil-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------